**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 8 ta' Mejju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Joseph Cutajar**

Każ. nru. 912/2023 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra:

**Joseph Cutajar,** iben Anthony u Elvira nee` Cassar, imwieled Pieta nhar it-12 ta' Diċembru 1960 u detentur tal-karta tal-identita numru 54961M

Akkużat talli nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00) ġewwa l-appartament 60, Top Hill Flat 2, Triq E.B. Vella, Mosta u/jew bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Salvu Agius f'periklu ċar, b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Salvu Agius
2. Ġarr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma għandu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex:

1. Toħroġ ordni ta' protezzjoni a favur ta' Salvu Agius u l-familjarji tiegħu ai termini tal-artikoly 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

2. F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont kif jipprovdi l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tat-7 ta’ Mejju 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, iddikjara illi xtaq jirreġistra ammissjoni fir-rigward tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

Rat illi l-imputat ikkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b’lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukati tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-ammissjoni ġiet reġistrata fi stadju pjuttost bikri tal-proċeduri, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat li turi li l-imputat m’għandux karattru refrattarju. Filfatt l-unika sejbien ta’ ħtija fuq il-fedina tal-imputat imur lura għas-sena 1989 u jirrigwarda biss kontravenzjoni.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda ta’ Dr. Rachel Taylor East li fis-6 ta’ Marzu 2024 xehdet li l-imputat kien ġie rikoverat fl-Isptar Mount Carmel fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Ottubru 2024, u kellu bżonn ta’ kura akuta peress li kien fi stat mentali ħażin ħafna. Spjegat li l-imputat ibgħati mill-kundizzjoni ta’ *schizoaffective disorder,* u kien jinsab taħt il-kura tal-Professur Anton Grech, u li dakinhar kien daħal l-isptar b’sintomi li kienu jindikaw *relapse* ta’ din il-kondizzjoni. L-imputat kien inżamm l-isptar sas-7 ta’ Novembru 2023, fejn imbagħad ġie trasferit taħt il-kura tal-*community team.* Spjegat ukoll illi meta ġie rikoverat l-isptar, aparti l-medikazzjoni għall-kondizzjoni ta’ *schizoaffective disorder,* l-imputat kien ingħata wkoll *anti-depressants.*

Wara li ħadet in konsiderazzjoni din ix-xhieda, u wara li semgħet lill-partijiet jitrattaw dwar il-piena, il-Qorti tikkondividi magħhom il-ħsieb illi f’dan il-każ piena karċerarja effettiva mhijiex idoneja. Jirriżulta ċar li dak li l-iktar li għandu bżonn l-imputat huwa li jkun taħt superviżjoni sabiex jiġi assigurat li jsegwi pjan ta’ kura biex kemm jista’ jkun jinżammu taħt kontroll is-sintomi tal-kondizzjoni li jbati minnha.

**Decide**
Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 214, 215, u 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, u tikkundannah għal terminu ta' priġunerija ta' sentejn (2) li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin.

B'żieda ma dan u ai termini tal-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni għal żmien erba' (4) snin mill-llum, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal erba' (4) snin, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali tordna li jinħareġ ordni ta' trażżin favur ta' Salvu Agius u l-familjari tiegħu kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta' erba (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll ir-responsabbilita tiegħu jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Trattament, l-Ordni ta' Supervizjoni jew l-Ordni ta' Trażżin.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur